IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 60-2018(28_11_18)**

**28 ta' Novembru 2018**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sa Sonja Abela - Sindku
Is-Sinjura Juliet Rose Attard - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sa Sonja Abela.

**60.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

60.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva *sms* mingħand is-Sur Paul Curmi fejn infurmah li l-vapur tal-Gozo Channel Co. Ltd qed jaħdem minn wara Kemmuna u ma kienx ser ilaħħaq għal-laqgħa. Huwa ġie skużat.

**60.2 L-Istrina fil-Munxar**

60.2.1 L-Eċċellenza Tagħha Il-President ta' Malta ser iżżur il-lokalità tal-Munxar nhar il-Ħadd, 23 ta' Diċembru 2018 bejn il-4.50 ta' filgħaxija u l-5.20 ta' filgħaxija. Waqt iż-żjara tagħha, il-Kunsill flimkien mal-Parroċċa ser nippreżentawlha d-donazzjonijiet li jkunu nġabru b'risq il-*Community Chest Fund*. Ser inqassmu bottijiet fir-*restaurants* tax-Xlendi u ser niġbru mid-djar. F'Jum Il-Munxar ser nagħtu żewġ bottijiet lit-tfal sabiex jiġbru waqt is-Serata. Ser inpoġġu bott fil-Knisja. Ġie deċiż li nilqgħu lill-President ta' Malta fiċ-Ċentru Parrokkjali.

---

**60.3 Rikonoxximent Jum Il-Munxar 2018**

60.3.1 Is-Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill jagħti rikonoxximent lill-persuni li qed iwettqu xogħol volontarju fil-lokalità. Ġie deċiż li din is-sena jingħataw rikonoxximent lil Lonza Borg, Maria Zammit, Kappillan, rappreżentant tal-Munxar Falcons FC u rappreżentant tas-Sezzjoni Żgħażagħ Pawlini Munxarin.

**60.4 Serata ta' Jum Il-Munxar**

60.4.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li s-Serata ta' Jum Il-Munxar ma hijiex ser issir taħt it-tinda fil-Pjazza tal-Knisja, iżda ser issir fiċ-Ċentru Parrokkjali. Is-Sindku ltaqgħet mal-Kumitat tal-*Football* u taż-Żgħażagħ sabiex is-Serata tiġi organizzata minnhom.

Il-Kunsill irċieva dawn il-kwotazzjonijiet sabiex issir is-Serata inkluż il-kiri tas-sala:

- Munxar Youth Centre - €4,750 VAT inkluż
- Munxar Falcons FC - €4,850 VAT inkluż
- Mario Camilleri - €4,600 VAT inkluż

Il-Kunsill għażel l-orħos offerta li hija ta' Mario Camillieri għall-prezz ta' €4,600 VAT Inkluż.

Il-Kunsill irċieva dawn il-kwotazzjonijiet għas-*sound* tas-Serata:
Power Sound - Quotation 1 - €582.92 VAT inkluż
- Quotation 2 - €1,176.46 VAT inkluż

Prostage Sound - Quotation 1 - €3,245 VAT inkluż
- Quotation 2 - €1,888 VAT inkluż

Il-Kunsill għażel l-orħos offerta li hija ta' Power Sound għall-prezz ta' €582.92 VAT inkluż.

Il-band ser tkun Atonal Band għall-prezz ta' €700 VAT inkluż.
Ritratti u *filming* ser ikunu f'idejn Cordina Photo Studio.

**60.5 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

60.5.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 16 ta' Jannar 2019 u fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 16 ta' Jannar, 2019

**IFFIRMATA**

Sonja Abela
Sindku

**IFFIRMATA**

Anthony Grech
Segretarju Eżekuttiv